MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2600/1998/1

**Anthony Meli**

**-vs-**

**Rita Meli**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur u l-konvenuta huma mizzewgin u d-dar matrimonjali taghhom hija 67, Triq Santa Liberata, Kalkara, liema proprjeta` hija tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Premess illi fit-3 ta' Novembru 1998 l-attur mar l-isptar ghall-kura u waqt li kien qieghed hemm il-mara konvenuta hadet ic-cwievet kollha tad-dar u tal-karozza;

Premess illi meta l-attur hareg mill-isptar hmistax wara, l-konvenuta rrifjutat li thallieh jerga' jidhol lura d-dar jew li jiehu hwejgu li jinsabu gewwa daru, ghalkemm tatu c-cavetta tal-karozza;

Premess illi tali agir tal-konvenuta jikkostitwixxi spoll abuziv u llegali;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tirrepristina lill-attur fil-pussess ta' hwejgu u kif ukoll billi jigi mholli lilu access liberu ghad-dar matrimonjali, kif kellu qabel it-3 ta' Novembru 1998;

2. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex l-imsemmi pussess jigi ripristinat taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li fiha hija eccepiet:-

Illi t-talbiet ta' l-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attur li jigi r-ragel ta' l-esponenta;

Illi l-fatti dedotti fic-citazzjoni huma ghal kollox inkorretti u m'huma xejn hlief proceduri legali li jservu ta' hsara bla bzonn in vista tal-fatt li l-istess attur qieghed taht kura psikjatrika liema haga l-esponenta ma kinitx taf u li konvenjentement gie eskluz fic-citazzjoni;

Illi fit-3 ta’ Novembru 1998 u dan taht il-kura tat-tabib Stephen Spiteri, ir-rikorrenti gie mibghut l-Isptar u l-istess esponenta giet informata li ma kienx hemm kura ghar-ragel taghha l-attur;

Illi t-talba ta’ l-attur in vista tas-suespost mhi xejn hlief azzjoni irresponsabbli u dan bhalma jafu ben tajjeb il-familjari ta’ l-attur li qeghdin imexxu b’dan l-agir stante li ghandu c-cavetta u dhul tal-post in kwistjoni liema haga qed tigi negata konvenjentement u dan ghall-finijiet tal-kawza;

Illi l-esponenta qatt ma biddlet is-serratura kif qed jigi allegat u hi konxja tal-fatt li r-ragel taghha jista’ jkun perikoluz minhabba l-kondizzjoni tieghu sija ghaliha kif ukoll ghal binha minuri;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tat-22 ta’ April 1999, li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Audrey Demicoli biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Il-kwistjoni involuta f'din il-kawza tikkoncerna allegazzjoni ta' spoll abuziv u illegali li skond l-attur gie kommess mill-konvenuta martu meta din impeditu milli jkollu access liberu ghal fond konjugali u milli jkollu pussess ta' hwejjgu;

Il-konvenuta tiddefendi ruhha billi ssostni li hi ma biddlet l-ebda serratura u li inoltre zewgha jista' jkun perikoluz minhabba l-qaghda psikjatrika tieghu;

Il-provi migjuba mill-partijiet f'din il-kawza huma dawn:-

(1) Fid-deposizzjoni tieghu l-attur jghid li meta kien rikoverat fil-Psychiatric Unit ta' l-Isptar San Luqa lil martu fdalha c-cwievet tad-dar u xi effetti personali ohra. Huwa zied jghid li wara li hareg mill-Isptar u mar id-dar martu ma hallietux jidhol u naqset li tirritornalu c-cwievet tad-dar fejn ghad ghandu diversi oggetti personali u ohrajn appartenenti lill-komunjoni;

(2) Mary Meli, omm l-attur, tikkonferma dak li tenna binha fis-sens li hi qatt ma kellha c-cwievet tal-fond matrimonjali tal-kontendenti. Skond binha, meta dan gie kontro-ezaminat, ommu kellha c-cwievet ta' dar ohra li hu u martu kienu joqghodu fiha ghal bidu li zzewgu;

(3) Il-konvenuta, wara li tirrakkonta s-sitwazzjoni li in konsegwenza taghha zewgha htieglu jigi rikoverat l-Isptar, sostniet li hi ma biddlet l-ebda serratura tad-dar u di piu` l-kunjata taghha kellha cavetta tal-post billi meta minn Haz-Zabbar marru joqghodu l-Kalkara kienu qalghu s-serratura tal-bieb u wahhluha fil-fond matrimonjali mertu tal-kawza. Ziedet tghid ukoll illi meta kien ghadu l-Isptar zewgha kien qallha li ma kienx behsiebu jirritorna d-dar;

Apprezzament ta' dawn il-provi, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita` u dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, twassal lil dina l-Qorti biex taghti affidament lill-verzjoni ta' l-attur. Il-konvenuta ma nnegatx illi hi ma ppermettietx lil zewgha milli jaccedi fid-dar konjugali meta dan gie biex jidhol fiha. Lanqas ma nnegat illi c-cwievet tad-dar li kellu zewgha kienu fil-pussess taghha Hi ikkampat il-linja difensjonali fuq il-fatt li omm l-attur kellha hi wkoll sett tac-cwievet tad-dar u ghalhekk zewgha seta' rrikorra ghand ommu biex jehodhom u jkollu l-mezz biex jidhol fid-dar. Kien invece mistenni li hi tghaddilu c-cwievet taghha jew sempliciment tiftahlu l-bieb ta' barra wara li l-attur hareg mill-Isptar. Ghaldaqstant id-difiza addottata mill-konvenuta ma tinhassx sufficjentement konvincenti;

Huwa ormaj ben notorju il-principju illi fil-kamp civili l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu

meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex (**Vol. XXXVI P I p 319**);

Di piu` hawn qeghdin fil-kamp fejn il-Qorti b'dover ghandha tittutela l-interessi ta' min ikun gie spoljat anke bil-privazzjoni tal-godiment ta' hwejjgu u kontra l-volonta` tieghu, espressa jew tacita`. Dana independentement mill-konvinzjoni fl-ispoljant li l-agir tieghu huwa radikat fid-dritt. Il-fatt taz-zamma tac-cwievet jew in-non-adezjoni ghat-talba ta' l-attur biex dan ikollu access ghal daru ma jistghux hlief jissarrfu f'manifestazjoni tal-volonta` da parti tal-konvenuta illi hi zzomm il-fond ghal godiment taghha esklussiv. Din is-sitwazzjoni ta' impediment jew rifjut tintegra l-estremi kollha ta' l-azzjoni ta' spoll, hekk precizament mahsuba biex takkorda protezzjoni u jigi impedut li xi hadd jiehu b'idejh dritt jew gustizzja li invece messu jfittex bl-intervent ta' l-awtorita` gudizzjarja (**Vol. XLII P II p 973**). Effettivament il-ligi stess tipprovdi lill-konvenuta l-mezzi f'azzjoni appozita biex jekk hekk jirrizulta opportun, tallontana lil zewgha mid-dar konjugali u/jew timpedih milli jaccedi fiha. Huwa dan il-mezz li l-konvenuta messha giet konsiljata tfittex, u dan mhux necessarjament f'kawza ta' separazzjoni, billi l-Kodici Civili taghna jakkordalha tali dritt b'azzjoni separata;

Kif kellha okkazjoni tikkummenta din il-Qorti, presjeduta denjament mill-Imhallef Maurice Caruana Curran f'kawza fejn ukoll si trattava minn azzjoni ta' spoll bejn il-mizzewgin, ghalkemm b'fattispeci differenti, l-konvenuta kellha tirrikorri lill-Qorti - "haga li ghaliha l-ligi tipprovdi rimedju u li fiha dawn il-Qrati qatt ma ttraskuraw il-bzonnijiet tan-nisa mizzewgin u tar-rispett lejhom dovut" - "**Raphael Fenech de Fremaux -vs- Marie mart l-istess Raphael de Fremaux**", 10 ta' Novembru 1971.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta takkolji d-domandi attrici u tikkundanna lill-konvenuta biex zmien hmistax (15) il-jum mid-data ta' din is-sentenza tirrepristina lill-attur fil-pussess ta' hwejjgu u

tipprovdilu liberu access ghal fond matrimonjali numru 67, Triq Santa Liberata, Kalkara. F'kaz li l-konvenuta tibqa' inadempjenti fit-terminu lilha hawn prefiss, l-attur huwa awtorizzat minn issa biex permezz ta' Marixxal ta' dawn il-Qrati u ta' ufficjal tal-Korp tal-Pulizija jkun jista' jaccedi fl-imsemmi fond bla xkiel.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

(ft) Philip Sciberras

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur